IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 31.5.2012
COM(2012) 246 final

2012/0129 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Abbażi tal-mandat rilevanti tal-Kunsill[1], il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Groenlandja f'isem l-Unjoni Ewropea bil-għan li ġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Groenlandja. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fit-3 ta' Frar 2012, li jkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2013.

Din il-proċedura li tikkonċerna l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont dan il-Protokoll qed titnieda flimkien mal-proċeduri dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew, dwar il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-UE, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll imsemmi.

Il-Protokoll il-ġdid huwa skont l-għanijiet tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Groenlandja u jkun hemm promozzjoni ta' qafas ta' sħubija li fih ikunu jistgħu jiġu żviluppati politika sostenibbli tas-sajd u sfruttar responsabbli ta' riżorsi tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja fl-interess taż-żewġ Partijiet.

F'konformità mat-Trattat, għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

Għandu wkoll jiġi nnutat li l-iffissar iddettaljat tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali huwa adottat fuq bażi annwali mir-Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal kull sena. Minħabba l-ispeċifità tas-sajd għall-capelin li huwa differenti mhux ħażin minn ta' stokkijiet oħrajn, l-istaġun tas-sajd jiftaħ fl-20 ta'Ġunju u jgħalaq fit-30 ta' April tas-sena ta' wara, u sabiex dak ikun jista' jiġi implimentat, għandhom jingħataw setgħat lill-Kummissjoni mill-Kunsill.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta dan il-Ftehim.

[1] Adottat mit-3108 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd), it-Tlieta 19 ta' Lulju 2011, bħala l-elementi "A" elenkati fi 12843/11.

2012/0129 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 753/2007[1] dwar il-konklużjon tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenalnd, min-naħa l-oħra

(2) Peress li l-protokoll attwali li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra ('il-Protokoll') se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012, ġie inizjalat Protokoll ġdid fit-3 ta' Frar 2012. Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Groenlandja lill-bastimenti tas-sajd tal-UE.

(3) Fi ..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru ..../2012[2] dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll il-ġdid.

(4) Il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll il-ġdid, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Settembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[3].

(5) L-iffissar aktar iddettaljat tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li huma

---

[1] ĠU L 172, 30.6.2007, p. 1.

[2] ĠU L, …, p. ….
ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data, in-numru u r-referenza tal-ĠU għad-Deċiżjoni

[3] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali huwa adottat fuq bażi annwali mir-Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal kull sena.

(6) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nur 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità[4], jekk ikun jidher li l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jew l-ammont ta' opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni skont il-Protokoll ma jkunux utilizzati kollha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat. In-nuqqas ta' risposta qabel id-data ta' skadenza stipulata mill-Kunsill għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tas-sajd tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul il-perjodu mogħti. Għandha tiġi stabbilita dik id-data ta' skadenza.

(7) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament dwar ir-reviżjoni tal-allokazzjoni ta' kwoti għall-capelin disponibbli lill-Unjoni fl-ilmijiet tal-Groenlandja, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

(8) Peress li l-Protokoll attwali se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012 u peress li l-Protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2013, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Jekk l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri skont il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, sad-data stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament għal kull stokk ikkonċernat ma jkoprux l-opportunitajiet tas-sajd annwali allokati kif stipulati mill-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra applikazzjonijiet tas-sajd minn kwalukwe Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

2. Id-data ta' skadenza msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandha tkun stabbilita għal 10 ijiem ta' xogħol.

3. Għal kull stokk imsemmi fl-Anness, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar il-livell ta' utilizzazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd abbażi ta' applikazzjonijiet għal liċenzji riċevuti mhux aktar tard minn:

   (a) xahar qabel id-data stabbilita fl-Anness, kif ukoll

   (b) sad-data stabbilita fl-Anness.

[4] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kwoti għall-capelin disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet tal-Groenlandja fis-subżoni V u XIV tal-ICES abbażi tat-TAC u l-allokazzjoni tiegħu lill-Unjoni stabbilita mill-Groenlandja skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll għalih.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

3. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Data msemmija fl-Artikolu 1(1) u (3):

Stokk	Data
Il-Gamblu tat-Tramuntana fis-Subżoni XIV u V tal-ICES	l-1 ta' Awwissu
Il-ħalibatt tal-Groenlandja fis-Subżoni XIV u V tal-ICES	il-15 ta' Settembru
Il-ħalibatt tal-Atlantiku fis-Subżoni XIV u V tal-ICES u fis-Subżona 1 tan-NAFO	l-1 ta' Settembru
Il-ħalibatt tal-Groenlandja fis-Subżona 1 tan-NAFO – fin-Nofsinhar ta' 68°Tramuntana	il-15 ta' Ottubru
Il-Gamblu tat-Tramuntana fis-Subżona 1 tan-NAFO	l-1 ta' Ottubru
Ir-redfish pelaġiku fis-Subżoni XIV u V tal-ICES u s-Subżona 1F tan-NAFO	l-1 ta' Settembru
Ir-redfish demersali fis-Subżoni XIV u V tal-ICES u s-Subżona 1F tan-NAFO	l-1 ta' Settembru
Is-snowcrab fis-Subżona 1 tan-NAFO	l-1 ta' Ottubru
Il-merluzz fis-Subżona XIV tal-ICES u fis-Subżona 1 tan-NAFO	il-31 ta' Ottubru